MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1166/1997/1

**Toni Abdilla, u b'digriet tal-15 ta' Lulju 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem Carmelo Abdilla *stante* li Toni Abdilla miet fil- 5 ta' Marzu 2001.**

**vs**

**Sylvia Cutajar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Mejju 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-attur jikri minghand il-familja Testaferrata raba' maghrufa ta' wied il-Qoton fil-limiti ta' Birzebbugia, liema raba' jinhadmu minnu u l-familja tieghu.

Illi dan il-wied kien sa minn zmien antik mikri lill-familja ta' l-attur minghad il-familja Testaferrata.

Illi ricentament il-konvenuta Silvia Cutajar bdiet tippretendi li l-wied huwa taghha, sahansitra billi kitbet lill-attur u lill-familja Testaferrata u f'liema ittri ntimat lill-attur li ma kellux ikompli jidhol fl-ghalqa.

Illi fl-ewwel granet ta' April l-istess Silvia Cutajar, minghajr il-permess u kontra r-rieda ta' l-attur, dahlet fir-raba' mikrija lill-attur fejn hawlet xi xtieli.

Illi fil-hmistax ta' April l-attur irrapporta dak li kien gara ma' l-Ghassa tal-Pulizja ta' Birzebbugia u precizament, ma' PC842 Angelo Camilleri u PS249 Angelo Curmi.

Illi meta dahlet fir-raba' mikrija lill-attur, biex thawwel ix-xtieli, l-konvenuta kkommettiet spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu ta' l-attur u ddeprivatu mill-pussess tar-raba' in kwistjoni.

Illi iktar ma jghaddi z-zmien iktar qed isofri danni l-attur.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuta kkommettiet spoll klandestin u vjolenti meta dahlet fir-raba' maghrufa ta' wied il-Qoton, Birzebbugia, mikrija lill-attur mill-familja Testaferrata, u hemmhekk hawlet xi xtieli minghajr il-kunsens u kontra r-rieda ta' l-attur.

2. Tordna li l-attur jigi ri-integrat fil-pussess tar-raba' maghrufa ta' Wied il-Qoton, Birzebbugia, u b'hekk tikkundanna lill-konvenuta taghmel ix-xoghol mehtieg biex l-attur jigi hekk ri-integrat f'terminu qasir u perentorju;

3. In difett tawtorizza l-attur jaghmel dawn l-istess xoghlijiet huwa ghas-spejjez ta' l-istess konvenuta.

Bl-ispejjez, bir-riserva ghal kwalunkwe kawza ghad-danni *nascenti* minn dan l-ispoll u bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tas-7 ta’ Mejju 1998.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 24 ta’ April 1998 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti u zewgha ilhom li hadu lura l-pussess ta’ l-art cirka tliet snin ilu *cioe`* fl-1995 u ghalhekk it-terminu legali ghall-azzjoni ta’ spoll ghalaq.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-art in kwistjoni qatt ma kienet fil-pussess ta’ l-attur.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 12ª tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-14 ta’ Ottubru 1998 il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea biex jisma’ l-provi kollha ta’ dan il-kaz sal-20 ta’ Frar 1999.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tad-29 ta’ Mejju 2001 (fol. 91) meta ssejhet il-kawza deher il-Professur Ian Refalo ghall-atturi li nforma l-Qorti li l-attur miet fil-mori tal-kawza. Il-kawza giet differita ghal-leggittimazzjoni ta’ l-atti u wara li ssir l-istess sabiex l-Assistent Gudizzjarju jesplicita l-inkarigu tieghu ghall-11 ta’ Ottubru 2001.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna fejn il-kawza giet differita ghall-finalizzazzjoni tal-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-12 ta' Frar 2003 deher Dr. Joseph Zammit Maempel ghall-konvenuta prezenti fl-Awla. Deher Carmel Abdilla ghall-attur (mejjet). Peress li l-attur miet fil-mori tal-kawza, il-kawza giet differita ghal legittimazzjoni ta' l-atti. Il-kawza giet differita ghall-21 ta' Marzu 2003; u tal-20 ta' Mejju 2003, fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Jacqueline Borg ghall-atturi. Dehret il-konvenuta. Giet prezentata *seduta stante* nota li permezz taghha Carmelo Abdilla, iben l-attur Toni Abdilla, assuma l-atti flok il-mejjet missieru. Il-Qorti ordnat lir-Registratur jaghmel id-debita notifikazzjoni fl-okkju tac-citazzjoni. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Lulju 2003.

Rat ir-rikors ta' Carmelo Abdilla, iben l-attur Toni Abdilla, datat 8 ta' Lulju 2003 (fol. 120) fejn l-esponent talab lill-Qorti joghgobha tawtorizzah jassumi l-atti minflok il-mejjet Toni Abdilla u konsegwentement tordna t-trasfuzzjoni tal-gudizzju f'ismu. Il-Qorti, kif diversament presjeduta, bid-digriet taghha moghti fil-15 ta' Lulju 2003, laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fit-terminu tat-talba tar-rikorrenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2004 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Therese Cachia ghall-attur u Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuta prezenti. Dr. Schembri ghall-konvenuta rrileva li gie prezentat affidavit ta' l-istess konvenuta u jinsab inserit fic-Citazzjoni Nru. 1167/97NC li qed tinstema' kontestwalment ma' dan il-kaz. Il-kawza giet differita ghall-prezentata ta' l-affidavits

kollha tal-konvenuta ghat-30 ta’ Novembru 2004; u tat-30 ta’ Novembru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Schembri. Il-partijiet qablu li l-provi mismugha u migbura fil-kawza Citazzjoni 1167/97NC ghandhom jiffurmaw parti mill-process odjern *stante* li z-zewg kawzi qed jistemghu kontestwalment. Dr. Schembri ghall-konvenuta ddikjara li kkonkluda l-provi bl-affidavits u rriserva li jiddikjara fadallux xhieda ohra wara li jsiru l-kontro-ezamijiet *da parte* ta’ l-atturi. Il-kawza giet differita ghat-8 ta’ Frar 2005 ghall-kontro-ezamijiet.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta tat-12 ta’ Jannar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Profs Ian Refalo ghall-atturi u Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuta. Profs Refalo ddikjara li baqaghlu biss il-kontro-ezami ta’ Sylvia Cutajar, filwaqt li Dr. Schembri jahseb li lest mill-provi, pero` ghandu jivverifika jekk baqaghlux itella’ xi xhud jew le. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa seduta ghall-kontro-ezami u seduta ohra ghall-konkluzjoni tal-provi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-6 ta’ Gunju 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-31 ta’ Ottubru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Therese Comodini Cachia ghall-attur. Prezenti l-konvenuta. Dr. Therese Comodini Cachia talbet il-konnessjoni ta’ din il-kawza mal-kawza Citazzjoni Numru 1167/97/RCP li qieghda differita ghall-1 ta’ Frar 2007. Dr. Schembri ghall-konvenuta ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghall-1 ta’ Frar 2007; u l-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Marzu 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Gunju 2007.

Rat l-atti kollha tal-kawza Citaz. Numru 1167/97 u dan anke *in vista* tal-verbal datat 30 ta’ Novembru 2004 a fol. 152 tal-process fejn il-partijiet qabblu li l-provi mismugha u

migbura fil-kawza citazzjoni 1167/97 ghandhom jiffurmaw parti ntegrali mill-process odjern *stante* li z-zewg kawzi kienu qed jinstemghu kontestwalment.
Rat ix-xhieda kollha hawn moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija azzjoni ta' spoll fejn l-attur qed jallega li fl-ewwel granet ta' April 1997, l-konvenuta Sylvia Cutajar, minghajr il-permess u kontra r-rieda tieghu, dahlet fl-imsemmija raba' indikata fic-citazzjoni attrici li hija mikrija lilu mill-proprjetarji ta' l-istess u fejn l-istess konvenuta hawlet xi xtieli u b'hekk saru talbiet sabiex jigi ddikjarat li dan l-att jikkostitwixxi spoll u b'hekk talab li huwa jigi reintegrat fil-pussess ta' l-istess parti tar-raba' hemm indikata. Il-konvenuta allegat li ma hemmx l-elementi ta' l-azzjoni ta' spoll ghaliex l-attur ma kellhomx pussess u l-azzjoni ma saritx fit-terminu propost mill-ligi.

Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, inkluza dik fl-ismijiet **"Clive Simpson *nomine vs* Louis Muscat et."** (P.A. RCP. 13 ta' Frar 2001) ibbazati fuq l-**artikolu 534 tal-Kap 16 u l-artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u huma mibnija fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrjentement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u

"**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b' titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt *nomine* vs Joseph Camilleri *proprio et nomine*** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) "*L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest*" (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` "*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*" (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi tal-**Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9.3.1992). Tal-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. JSP 30.4.1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo**

**Zammit** – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23.1.1998).

(f) Illi ta’ partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza “**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**” ( P.A. FGC – 21 ta’ Jannar 1994).

“*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b’ din l-azzjoni ta’ spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b’ din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkometti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta’ spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*”

(g) L-azzjoni ta’ spoll trid issir “*fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv*”, b’ dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza “**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**” (Appell – 18 ta’ Gunju 1993) inghad li *meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta’ spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta’ dan tinkombi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-**Artikolu 562 tal-Kap 12**, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*”

Illi l-attur qed isostni li huwa dejjem kien jippossjedi l-art indikata fil-parti l-hamra tal-pjanta annessa mal-process Citaz. Numru 1167/97 li kienet tikkonsisti f’wied u dan peress li l-istess art kienet imqabbla lil antenati tieghu u fil-fatt dwar dan hemm ix-xhieda tieghu stess bhala l-persuna li attwalment ghandha l-qbiela tar-raba’ maghrufa bhala ta’ Wied il-Qoton, limiti ta’ Birzebbuga u dan skond l-affidavit tieghu datat 22 ta’ Mejju 1997, u hemm ukoll l-affidavits ta’ Pawl Abdilla, Anthony Camilleri, Rusarju Abdilla, Angela Cassar u Carmel Abdilla bin Toni.

Illi hemm ukoll ix-xhieda ta’ Alfred Gera de Petri fejn jghid li din l-art kienet ilha mqabbla lill-Toni Abdilla ghal zmien twil tant li esebixxa ricevuti tas-snin 1945 u 1946 (Dok. “AGP 1” u “AGP 2” u l-ircevuti tal-qbiela kienu ffirmati mill-Baruni Lino Testaferrata Bonici, missier l-attrici Agnese Gera de Petri u qabel dan din l-istess art kienet imqabbla

lill missieru Rosario Abdilla tant li esebixxa ricevuta datata 5 ta' Novembru 1993 (Dok. "AGP 3") u ffirmata minn missier il-Baruni Lino Testaferrata Bonici u cjoe' l-Markiz Daniele Testaferrata Bonici. Ix-xhud kien ilu midhla ta' l-istess post mis-sena 1970 u dan ghaliex kien involut fid-denunzja tas-successjoni ta' Florence Jensen u b'hekk kienu marru fuq l-art in kwistjoni anke mal-periti tal-Gvern, inkluz fl-art mertu tal-kawza odjerna. Sar jaf bil-pretensjoni tal-konvenuta biss permezz ta' ittra datata 18 ta' Ottubru 1995 minn Dr. Joseph Zammit Maempel (Dok. "AGP 4") flimkien ma kopja tal-kuntratt datat 15 ta' Dicembru 1948 fejn xi artijiet f'Wied il-Qoton kienu akkwistati minn missier il-konvenuta Carlo Camilleri, kopja ta' pjanta datata 22 ta' Marzu 1949 (Dok. "AGP 6") u l-proprjetarji kienu cahdu l-allegazzjonijiet tal-konvenuta permezz ta' ittra legali datata 27 ta' Ottubru 2005 (Dok. "AGP 7"). Fis-26 ta' Marzu 1997 l-attur ukoll ircieva ittra minghand Sylvia Cutajar permezz ta' l-Avukat Christopher Vella datata 2 ta' April 1997 (Dok. "AGP 9") u saret risposta ghall-istess mill-Professur Ian Refalo (Dok. "AGP 10"). Kien f'dan il-perjodu li l-istess xhud gie nfurmat mill-attur li l-konvenuta ppruvat taghlaq il-passagg u li din riedet thawwel xi pjanti f'din il-parti ta' l-art imqabbla lilu, u b'hekk saru dawn il-kawzi li saru f'perjodu ta' xahar u nofs minn meta l-konvenuta dahlet fl-istess art u fil-fatt l-azzjoni attrici saret fit-22 ta' Mejju 1997. Fil-fatt fl-istess art kien hemm dwieli mizrugha mill-attur kif indikat fir-ritratti Dok. "AGP 11" u Dok. "AGP 12", mentri l-konvenuta ppruvat tizra f'dik il-parti ndikata fir-ritratt Dok. "AGP 14".

Illi fuq kollox din il-Qorti thoss li hemm ix-xhieda ta' l-attur li huwa l-persuna li attwalment ghandu l-qbiela tar-raba' mqabbla ghandu mill-atturi li indika u xehed li tali wied kien dejjem f'idejh u f'idejn l-antenati tieghu u kien biss fl-okkazzjoni mertu tal-kawza odjerna li l-konvenuta dahlet fl-istess parti tal-wied u hawlet xtieli ta' gdur, haga li qabel dan la hija u lanqas hadd mix-xhieda prodotta qatt ma kienu ghamlu.

Illi min-naha taghha l-konvenuta qed issostni li l-art hija taghha u dan peress li hija akkwistat l-istess permezz ta' kuntratt ta' divizzjoni tal-15 ta' Marzu 1985 (Dok. "SC1").

Tixhed li ommha kienet kriet din l-arti lil Salvatore Spiteri u dan kien gie zgumbrat mill-istess ghalqa b'decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' April 2005. Tghid wara li rebhet il-kawza zewgha kien ra lill-attur jaghmel xi xoghol fil-post in kwistjoni u fis-sena 1995 kien tella' hajt biex jifred il-proprjeta' taghha minn ta' Testaferrata, li kien twaqqa, izda reggha nbena mill-gdid u ma twaqqax. Kienet hija li ghall-habta ta' Marzu 1997 kienet ghamlet rapport li kienu tqattu xi sigar mill-istrixxa mertu tal-kawza izda l-attur kien cahad li kien ghamel xi att simili u hija stess tghid li kollox kien waqaf hemm. Wara hija sostniet li marret sabiex tizra xtieli ta' gdur u bdiet itella lura xi gebel li waqghu mill-hajt tas-sejjiegh. Hija esebiet diversi kuntratti mmarkati minn Dok. "SC 2" sa Dok. "SC 4" li fiha qed tallega li xtrat l-art in kwistjoni.

Illi hija wkoll pproduciet bhala xhud lil certu Emanuel Polidano li ghalkemm sostna li tali raba' kienet inbieghet fis-sena 1962 jew 1963 lill-Carlu Camilleri missier l-attrici, pero' mix-xhieda tieghu jirrizulta li kien ilu mhux midhla ta' l-istess inhawi mis-sena 1965 ghalkemm sostna li l-wied kien dejjem jintuza sabiex jaghddu minnu gabillotti ohra. Alfred Farrugia mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura xehed fit-2 ta' Lulju 2003 li tali porzjoni fejn hemm il-bicca ta' art mertu tal-kawza odjerna kienet registrata fuq il-konvenuta u qabel fuq Carlo Camilleri u anke fis-7 ta' Ottubru 1953, u fit-18 ta' Frar 1985 gie ndikat li l-istess *plot* numru 445 kienet indikata bhala proprjeta' ta' l-eredi ta' Carlo Camilleri, izda ma jirrizultax fuq liema bazi saret tali registrazzjoni u wkoll ma hemm xejn x'jindika li dan sar abbazi ta' pussess.

Illi xehed ukoll Louis Borg fit-12 ta' Mejju 2004 li sostna li kien dilettant tal-kacca li kien jiffrekwenta l-istess inhawi u qal li fis-sena 1988/1989 kien kera dawk l-inhawi ghall-kacca minghand il-konvenuta ghalkemm ma kienx jaf fejn toqghod. Din il-Qorti thoss li tali xhieda ma hijiex kredibbli u certament ma tistax tghin it-tezi tal-konvenuta, anke peress li l-kaz ta' l-allegat spoll sehh fis-sena 1997, snin wara z-zmien li rrefera ghalih l-istess xhud.

Illi hemm ukoll ix-xhieda ta’ certu Francis Agius izda din il-Qorti thoss li x-xhieda tieghu lanqas biss hija kredibbli anke *in vista* tal-kontro-ezami tieghu li sar fis-17 ta’ Mejju 2005 fejn minkejja dak li xehed ma kienx jaf min tahom il-permess sabiex jahdmu l-istess art u din il-Qorti thoss li hemm kontradizzjonijiet sew fix-xhieda tieghu, u dan dwar art li jidher car li kien ilu sew ma jiffrekwenta anke hafna qabel iz-zmien meta sehh l-allegat spoll mertu tal-kawza odjerna.

Illi dwar ix-xhieda ta’ Carmela Mattinson, xhieda ohra bhal dik ta’ Francis Agius li *in verita’* lanqas kienu ddikjarati fil-lista ta’ xhieda tal-konvenuta kif jirrizulta minn fol. 12 tal-process, din qed tirreferi ghat-titolu ta’ l-istess porzjoni, u dan f’kawza ta’ spoll ma ghandu ebda rilevanza, kif l-istess jista’ jinghad ghall-diversi kuntratti li gew esebiti mill-konvenuta in sostenn tat-titolu taghha – u dan meta dan kollu huwa mmaterjali peress li f’azzjoni ta’ spoll dak li ghandu jigi ppruvat huwa l-pussess ta’ l-art jew oggett in kwistjoni, jkun ta’ liema xorta jkun. Dan apparti l-fatt li mill-kontro-ezami ta’ l-istess xhud li sar ukoll fis-17 ta’ Mejju 2005 din il-Qorti thoss li x-xhieda ta’ l-istess lanqas hija kredibbli u fil-fatt hija evasiva sew u dan iktar u iktar meta hija stess tghid dwar il-parti mertu tal-kawza odjerna hija tallega li  dahlet darba biss u cjoe` meta kien xtraha l-papa’ taghha u kien urijielha (fol. 237). Illi jinghad ukoll li r-registrazzjoni ta’ l-art fuq il-konvenuta, lanqas ma tipprova ebda bazi ta’ pussess ta’ l-istess porzjoni ta’ art fuq il-konvenuta, u dan bla pregudizzju ghall-fatt li huwa ferm neboluz kif l-istess giet hekk registrata u dan anke mix-xhieda tar-rappresentant prodott bhala xhud.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-attur ppruva l-allegazzjonijiet tieghu u cjoe’ li fil-waqt li l-konvenuta kienet qed tippretendi li l-wied mertu tal-kawza odjerna kien taghha, u dan anke ndikat mill-ittri legali dwar it-titolu li hija baghtet *tramite* d-difensuri taghha, minhabba l-opposizzjoni li sabet ghall-istess anke mill-attur u l-atturi l-ohra fil-kawza Citaz. Numru 1167/97  hija hadet il-ligi b’idejha u fil-fatt hawlet ix-xtieli mertu tal-kawza odjerna u ndikati fil-post indikat fil-pjanta a fol. 6 tal-process u mmarkat fil-linja mmarkata bl-ittri Z sa Z1 fuq l-istess

pjanta, u kif l-istess konvenuta qabblet b'verbal datat 7 ta' Marzu 2000 tal-process l-iehor u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha ghaliex l-elementi ta' spoll kollha gew ippruvati, konsistenti fil-pussess *da parte* ta' l-attur, l-ispoll kommess mill-konvenuta, u li l-azzjoni attrici saret fit-terminu ndikat mill-ligi.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuta kkommettiet spoll klandestin u vjolenti meta dahlet fir-raba' maghrufa ta' Wied il-Qoton, Birzebbugia, u mikrija lill-attur mill-familja Testaferrata, u hemmhekk hawlet xi xtieli minghajr il-kunsens u kontra r-rieda ta' l-attur.

2. Tordna li l-attur jigi ri-integrati fil-pussess tar-raba' maghrufa ta' Wied il-Qoton, Birzebbugia, u b'hekk tikkundanna lill-konvenuta taghmel ix-xoghol mehtieg biex l-attur jigi hekk riintegrat fil-pussess ta' l-istess u dan billi jitnehhew ix-xtieli ndikati fic-citazzjoni attrici mill-wied indikat fl-atti ta' din il-kawza u dan f'terminu qasir u perentorju ta' tlettin (30) gurnata millum u dan taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri li qed jigi nonimat a tali skop a spejjez tal-konvenuta u dan kollox kif indikat fic-citazzjoni wkoll deciza llum Citaz. Numru 1167/97.

3. In difett tawtorizza l-attur jaghmel dawn l-istess xoghlijiet huwa ghas-spejjez ta' l-istess konvenuta u dan taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri li qed jigi nominat ghall-tali skop a spejjez tal-konvenuta u dan kollox kif indikat ukoll fic-citazzjoni wkoll deciza llum Citaz. Numru 1167/97.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------